**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 07**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 17 ta' Ottubru 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Nicholai Falzon
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo
Doris Zammit

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

Daniel Ablett

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 07.1 TALBA

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

## 07.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija

Is-Sindku qara ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Daniel Ablett.

## 07.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 05 u 06 u Minuti Pjan ta' Ħidma

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 05 u 06, flimkien mal-Minuti tal-Pjan ta' Ħidma 2024-2029 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

## 07.4 Emendi għal-Minuti tal-Laqgħa Pjan ta' Ħidma

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** talbet emendi kif ġej:

*Minuti tal-laqgħa Pjan ta Ħidma, in nota taħt LPTH/24/02 għandha tiġi emendata kif ġej:*

*"Ġie ippreżentat il-pjan ta' ħidma għal ħames snin li ġejjin mill Kunsilliera Fiona Borg Lewis, li hi responsabbli mill-implimentazzjoni tal Manifest. Dan sar kif ġej u anness hawn il preżentazzjoni li ittelgħat waqt din il laqgħa:"*

## 07.5 Emendi għal-Minuti Nru 05

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet emendi kif ġej:

05.5 – jiżdied il-kliem "kuntratt bejn il-Kunsill u l-iżviluppatur b'referenza għal-parkeġġi"

05.7.3 – Jiżdied il-kliem "b'dover"

**07.6 Emendi għal-Minuti Nru 06**

**07.6.1 Il-Kunsillier Ralph Puli** talab emendi kif ġej:

6.3 – jiżdied il-kliem "jaqbel wara li issir konsultazzjoni mal-pubbliku"

**07.6.2 Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet emendi kif ġej:

06.3 – jiżdied il-kliem "wara li saret diskussjoni il-membri qablu li ma jinżlux vetturi elettroniċi biss u Triq il-Kolleġġjata tinqaleb id-direzzjoni tagħha"

06.3 – jinbidel il-kliem "il-Mosta rnexxiet" għal "li nagħtu lura spazju lin-nies"

06.3 – għandu jiżdied il-kliem "joqgħodu 12 il-planter mingħajr ma jitnaqqas il-parkeġġ"

**07.7 Komunikazzjoni tas-Sindku**

**07.7.1 Seduta Specjali – Roundabout fejn il-Monument tal-Gwerra**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li ser isejjaħ laqgħa speċjali sabiex jiġu diskussi il-problemi ta' traffiku li qed jinħoloq fejn ir-roundabout tal-Monument tal-Gwerra. Liema proposti wara jintbagħtu lil Transport Malta.

Is-Sindku qal li huwa konxju li dik l-akwata u ix-xogħlijiet li qed isiru mhux taħt il-kompitu tal-Kunsill Lokali, iżda l-ilmenti qed jaslu għand il-Kunsill.

Il-Kunsill se jitlob lir-residenti sabiex jibgħatu il-proposti għal konsultazzjoni.

Il-laqgħa ġiet proposta għall-Ħamis 31 ta' Ottubru fis-6.00 ta' filgħaxija.

**07.7.2 Sejħa biex timtela l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv**
**Deċiżjoni tal-board** ***- Posposta mis-Seduta Nru 02***

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kif miftiehem fis-seduti preċedenti, il-bord tal-għażla ta' nies indipendenti sabiex iservu fil-bord tal-għażla biex jimtela il-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv ser ikun imexxi mis-Sur Mario Fava u se tintbagħat lilu korrispondenza sabiex jiskatta il-proċess.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** semma li id-deċiżjoni finali għandha tkun tal-Kunsill.

07.7.3 **Impjegat fi Skala 18**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li fis-Seduta numru 5 ġie deċiż li jibda il-proċess għal ingaġġ ta' persuna fuq skala 18 u wara li is-Segretarju Eżekuttiv intalbet sabiex tiċċekkja jekk xufier jaqax taħt skala 18, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qed tippreżenta il-lista tal-impjiegi li jaqgħu taħt din l-iskala, fosthom Motor Transport Driver.

**Scale Number: 18 -**

Assistant Clerk
Messenger
Ward Clerical Assistant

**Group III**
Boiler Attendant
Customs Auxiliary
Deliveryman
Fuel Pump Attendant
Grave Digger
Library Attendant
Motor Transport Driver
Operational Support Worker
Operative
Porter
Quarryman
Stamper

Għaldaqstant se jiskatta il-proċess biex il-Kunsill Lokali Hal Qormi jitlob id-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex ikun jista' jimpjega persuna fi Grad 18 biex tagħmel xogħol ta' xufier filgħodu u handyman/żebgħa tas-sinjali tat-toroq wara nofsinhar.

07.7.4 **Kiri ta' swali għal-laqgħat Pubbliċi**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-ammont li sa issa kien qed iħallas biex jikri is-swali tal-każini għal-laqgħat pubbliċi kien ta' €100. Billi issa fil-każini qed joffru anke is-servizz ta' monitor, qed jipproponi li l-ammont tal-kirja għandha tiżdied għal €200 b'effett mil-laqgħa dwar il-Pjan ta' Ħidma li saret fl-24 ta' Settembru 2024.

07.7.5 **4Teenth Productions**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-4Teenth Production b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Festi Esterni San Gorg Martri u il-Kunsill Lokali Hal Qormi, se tella prestazzjoni walk-through fix-xelter tat-tieni Gwerra Dinjija

viċin il-knisja Kolleġġjata ta' San Gorg, nhar il-31 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2024; tibda fis-7 ta' filgħaxija u t'irrepeti ruħha kull nofs siegħa sal-10 ta' filgħaxija. Kull Prestazzjoni tieħu madwar kwarta.

## 07.7.6 FTEHIM TA' AĊĊETTAZZJONI ĊIRKULARI NUMRU - SPI/SCI/2/2024 Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li l-applikazzjoni li saret fil-leġislatura li għaddiet, sabiex il-Kunsill Lokali Hal Qormi jingħata fondi biex issir Walking Track fi Ġnien De La Cruz ġiet aċċettata u il-Kunsill Lokali Hal Qormi se jibbenifika minn €40,500 u dan il-proġett għandu jiġi mwettaq sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 29 ta' Mejju 2026.

## 07.7.7 Public Works Framework Agreement

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Public Works se jagħtu lil Kunsill Lokali Hal Qormi bi 325 elf euro xogħlijiet f'Hal Qormi. Ir-rati se jinħadmu fuq BOQ li il-Public Works bagħtu lill Kunsilli Lokali kollha.

Għaldaqstant id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Perit tal-Kunsill sabiex jipprepara xi BOQ's ta' xogħlijiet fuq ilmenti pendenti li għandu il-Kunsill. Dan sabiex wara jiġu preżentati quddiem il-Kunsill għad-diskussjoni mal-membri.

## 07.7.8 Public Works Framework Agreement – Ħajt Gnien De La Cruz

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill u anke xi membri personalment qed ikollhom talbiet sabiex jissewwa il-ħajt li qed jaqa ta' Ġnien De La Cruz.

Il-Perit tal-Kunsill intalab jipprepara BOQ sabiex issir it-tiswija fuq il-ħajt ta' Gnien De La Cruz. Il-Perit infurmata li hemm ħames partijiet li qed jaqgħu u cioe' quddiem Blk 1 u Blk 2 u djar numru 16, 20 u 24.

L-istima għal din it-tiswija telgħet għas-somma ta' **€6713.44.**

Il-Membri qablu sabiex tali talba għal xogħlijiet tintbagħat lil Public Works u jintefqu mil-325 elf euro allokati għal Hal Qormi għas-sena 2024/2025.

**07.7.9 Public Works Framework Agreement – Passaġġ bejn Triq Manwel Dimech u Triq Mdina**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill ilhu konxju tal-istat ħażin li jinsab fih il-passaġġ bejn Triq Manwel Dimech u Triq Mdina jew kif inhu magħruf il-passaġġ ta' fejn il-Klabb tal-Hockey.

Il-Perit tal-Kunsill intalab jipprepara BOQ sabiex issir it-tiswija fuq il-ħajt li hemm imwaqqa in-naħa ta' Triq Mdina u sabiex il-passaġġ kollu minn triq għal oħra jingħata il-konkos.

L-istima għal din it-tiswija telgħet għas-somma ta' **€22466.84.**

Il-Membri qablu sabiex tali talba għal xogħlijiet tintbagħat lil Public Works u jintefqu mil-325 elf euro allokati għal Hal Qormi għas-sena 2024/2025.

**07.7.10 Public Works Framework Agreement – Sqaq San Frangisk Nru 2**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill ilhu jircievi ilmenti minhabba l-istat ħażin li jinsab fih Sqaq San Frangisk Nru 2 (wara ir-razzett l-antik)

Il-Perit tal-Kunsill intalab jipprepara BOQ sabiex isir wiċċ ġdid tal-konkos tul l-isqaq kollu.

L-istima għal wiċċ ġdid tal-konkos tul l-isqaq kollu telgħet għas-somma ta' **€5012.33**

Il-Membri qablu sabiex tali talba għal xogħlijiet tintbagħat lil Public Works u jintefqu mil-325 elf euro allokati għal Hal Qormi għas-sena 2024/2025.

**07.7.11 Ġnien Federico Maempel**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill permezz tad-Deputat Segratarju Eżekuttiv staqsa lil INDIS meta se jibdew ix-xogħlijiet fuq il-Ġnien, dan minhabba l-ammont ta' vandalizzmu li qed ikun hemm dan l-ahhar.

Dr Jean Pierre Attard, Chairman Eżekuttiv informa lid-Deputat Segretarju Ezekuttiv li il-Kunsill Lokali għandu jagħmel talba lil Awtorità tal-Artijiet sabiex dan il-ġnien jiġi devolut lil Kunsill.

Fl-istess korrispondenza Dr Jean Pierre Attard informa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li kellu talba mingħand is-Sur Mario Camilleri sabiex fl-imsemmi ġnien jitpoġġa Monument ta' John Laus.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv wieġbet lura lil Dr Attard li it-talba għal monument tista tiġi diskussa fil-Kunsill, pero fic-cirkustanzi il-Kunsill aktar milli jinteressah id-devoluzzjoni u il-Monument irid ikun jaf meta se jibdew ix-xogholijiet li issa ilhom imweghda snin.

Dr Jean Pierre Attard, Chairman Eżekuttiv informa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li ix-xogħlijiet qedin miżmuma milli jibdew minħabba li hemm il-permessi miżmuma minħabba il-kwistjoni tal-kiosks. Liema kwistjonijiet bħalissa qedin jaħdmu fuqhom sabiex isibu soluzzjonijiet mas-sidien biex jew jiġu valutati il-kiosks jew jiġu rilokati.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona li id-devoluzzjoni tintalab meta jitlesta il-ġnien.

07.7.12 **Trinka tal-Enemalta fi Triq Pawlu Sammut u Triq Pietru Felice**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill ġie infurmat mill-Periti ta' Infrastruttura Malta u tal-Enemalta rispettivament, illi ix-xogħlijiet fuq id-distribuzzjoni ġdida tad-dawl issa telgħin lejn Triq Pawlu Sammut u Triq Pietru Felice biex jingħaqdu ma' xogħlijiet diġà eżistenti.

07.7.13 **Kostruzzjoni ta' Triq San Bastjan**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill staqsa lil Infrastruttura Malta meta se jibdew ix-xogħlijiet fuq Triq San Bastjan.

Il-Perit Noel Vella Kap tal-Implementation Unit nforma lil Kunsill li tali xogħlijiet fuq Triq San Bastjan mhux se jibdew qabel jitlesta il-proġett kollu fuq Triq l-Imdina il-parti t'isfel, Triq l-Iljun u Triq Emmanuel Luigi Galizia. Huwa previst li tali xogħlijiet jitlestew sal-aħħar tas-sena 2024.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li hu għandu ir-riservi tiegħu u jekk mhux se jibdew ix-xogħlijiet u li jilħqu jitlestew sal-festa, ma kienx se jaċċetta li jinbdew.

**07.7.14 One Way Systems Approvati minn Transport Malta**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li Transport Malta approvat il-proposta tal-Kunsill sabiex

- Triq Spiteri Fremond issir one way minn Triq l-Arkata sa Vjal De La Cruz,
- Triq in-Naħal issir One Way il-fuq biss,
- Triq id-Dielja issir One Way l-isfel biss u
- Triq il-Barrakki issir One Way l-isfel biss.

Il-Kunsill Lokali se jordna it-tabelli kollha mitluba minn Transport Malta u jinforma lir-residenti tal-akwati b'tali bidla.

**07.7.15 Speed Camera Assessment - Triq il-Wied, Qormi**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li Transport Malta ikkonkludiet li Speed camera assessment għal-Triq il-Wied, Hal Qormi u infurmatna illi din it-triq mhux eliġibbli għal speed camera.

Is-Sur Carl Xuereb Manager Transport Malta infurmana li biex tiġi indirizzata il-problema ta' sewqan eċċessiv, hemm bżonn li isiru miżuri oħra li jikkalmaw it-traffiku. Dawn il-miżuri oħra se jiġu diskussi internament mad-Diviżjoni tal-Immaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta u wara jiġu ikkonsultati mal-Kunsill Lokali.

Saret diskussjoni bejn il-membri u qablu li tintbagħat talba għal speed cameras fi Triq San Edwardu bejn Triq Santa Katerina u Triq Bellić u fi Triq il-Vitorja viċin Triq Alexandra

**07.7.16 Ċinta tal-knisja l-antika ta' San Bastjan mitfija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill kien infurmat illi id-dawl tal-Knisja iż-żgħira ta' San Bastjan hemm parti miċ-ċinta tal-knisja mitfija.

Billi id-dawl minn barra ta' din il-Knisja kien proġett tal-Kunsill Lokali, intalbet kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur. L-istima telgħet għas-somma ta' €1,115 vat inkluz.

Il-membri preżenti għalissa ma qablux li tali ħsara fid-dawl jissewwa.

**07.7.17 Fire Alarm Panel – Librerija San Bastjan – Librerija Lino Spiteri**

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nforma li il-librara ta' San Bastjan ġibdu l-attenzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv illi il-Fire Alarm tal-Librerija mhux taħdem. Marru it-tekniċi tal-Firetech Ltd u sabu li għandha il-panel maħruq u irid jinbidel. L-ispiża sabiex tinbidel hija ta' €827.86 inkluz il-VAT.

Il-membri preżenti qablu li tali fire alarm panel tinbidel minhabba is-safety tat-tfal.

**07.7.18 Talba għal Aircondition Unit fil-Qormi Active Ageing Centre**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi rċieva talba mingħand is-Sinjura Cynthia Formosa il-Manager tal-Active Ageing Centres li wieħed mill-airconditions tad-Day Centre bil-ħsara u ma jistax jissewwa u wara li il-Kunsill Lokali f'Seduta Nru 02 ta' din il-leġislatura kien approva is-somma ta' €763 inkluż il-VAT biex isir aircondition imwaħħal mal-ħajt, is-Sinjura Cynthia Formosa infurmat lil Kunsill li huma ma riedux jaċċettaw aircondition imwaħħal mal-ħajt izda riedu li jinbidlu it-tliet airconditions casette type kollha sabiex ikunu it-tlieta ġodda, issa li ser isir refurbishment tal-post.
.
Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sinjura Formosa, sabiex iġġib kwotazzjonijiet biex jinbidlu it-tliet casette type airconditioners kif iridu huma, ħalli hekk tkun tista tippreżenta tali kwotazzjonijiet quddiem il-Kunsill.

L-erba' kwotazzjonijiet li ipprezentaw mid-Dipartiment huma:

- BT Commercial - €5300 inkluz il-VAT
- Smart Effects Ltd - €4965 inkluz il-VAT
- Whitefrost - €4956 inkluz il-VAT
- Cassar Airconditioning System Ltd - € 4180.33 inkluż il-VAT.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li hu tal-opinjoni li ġaladarba għadhom jaħdmu, il-Kunsill ma għandux iħallas biex jinbidlu kollha.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li ninfurmawhom li il-Kunsill aċċetta li iħallas għal set wieħed wall type.

07.7.19 **Id-Dielja**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li dan is-suġġett diġà beda jiġi diskuss f'Seduta Nru 5 ta' 12 ta' Settembru. Huwa ir-rimarka li bl-ispejjeż li qed tiswa lil-Kunsill, €12,000 fis-sena, biex tinħareġ tliet darbiet fis-sena, jista' jiġi impjegat u jitħallas xufier. Il-membri kienu qablu li id-Dielja tiġi diskussa fil-preżenza tal-Kunsillier Doris Zammit.

Is-Sindku issuġġerixxa li jiġu printed fil-Kunsill stess 200 kopja għal dawk li ma jużax il-mezzi soċjali u jitqassmu 50 kopja fil-każini.

07.7.20 **Talba biex isir filming fi Triq il-Barrakki**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali rċieva talba mingħand Matthew Bartolo tal-Willingness sabiex fl-14 ta' Novembru tingħalaq Triq il-Barrakki bejn Triq l-Oratorju u Triq Dun Marju minn nofsinhar sad-9.00 ta' filgħaxija sabiex isir filming.

It-talba hija għal l-għeluq tat-triq kompletament u ser tiġi mpustata ittra mingħandhom lir-residenti biex javżaw minħabba il-karozzi għal min għandu garaxxijiet.

Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis issuġġeriet sabiex ir-residenti jintalbu jiffirmaw li ma jsibux oġġezzjoni.

07.7.21 **Monument John Laus**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali rċieva talba mingħand is-Sur Mario Camilleri sabiex il-monument ta' John Laus li kien ippjanat li jitpoġġa fi Ġnien Federico Maempel jitpoġġa fuq iċ-Centre Strip ftit l-isfel mill-Health Centre.

Minħabba li se jkun viċin, pjuttost faċċata tal-Monument tat-Tabib Gorg Hyzler il-Kunsill irid jieħu id-deċiżjoni issirx hemm. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet lis-Sur Camilleri sabiex jagħmluh fil-pjazzetta quddiem Raymond taż-żebgħa, ftit il-fuq min fejn pproponew, iżda sa issa ma tawiex risposta.

Saret diskussjoni bejn il-membri, fejn fost affarijiet oħra issemma li fejn gie propost se jkun fin-nofs faċli għal xi daqqa ta' karozza, se jiġi mgħotti bil-vetturi ipparkjati fuq in-naħa tal-parkeġġ u mhux se jkun jidher.

Ġie deċiż li is-Sur Camilleri ikun infurmat b'dawn il-ħsibijiet u ninfurmawh li il-Kunsill jipproponi li isir aktar il-fuq lejn Raymond taż-żebgħa u finalment jieħdu deċiżjoni il-volontiera li ħallsu għal dan il-monument.

Il-membri qablu li il-ħlas tal-Permess tal-Awtorità tal-Ippjanar jitħallas mill-Kunsill.

07.7.22 **Armar Dawl tal-Milied –**

Wara li saret talba lil Għaqdiet sabiex jagħtu proposti għal żmien il-Festi tal-Milied u għall-attività Mill-Ġulbiena sal-Milied, l-Għaqda Muzikali San Ġorġ Martri nfurmatna li lesta tarma Triq il-Ħelsien u Wesgħet Renald Falzon (minflok Pjazza F. Maempel għal ħlas ta' €500 ta' kull lokazzjoni u cioe €1000 taż-żewg postijiet.

07.8 **Ħwejjeġ Oħra**

07.8.1 **Devoluzzjoni Lands**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** talbet sabiex il-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tal-passaġġ fejn il-Hockey Club u għal parti ta' isfel ta' Ġnien De La Cruz.

07.8.2 **Ħaddiema tal-Community Workers Scheme**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** tinforma li wara it-talba tal-Kunsillier Ralph Puli sabiex issir talba lill Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex jiġi mgħoti lil kunsill rendikont Kunsill Kunsill kemm għandu ħaddiema, ġejna infurmati mis-Sur Mario Fava illi l-assoċjazzjoni m'għandiex viżibilità tal-impjegati tal-iskema għaliex dawn huma impjegati ma kumpanija.

Il-membri qablu li din it-talba għal-informazzjoni tintbagħat lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali.

**07.8.3 Ġnien fi Triq il-Wied ta' Project Green**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet jekk il-Kunsill irridx jew jistax jagħti isem lill-ġnien fi Triq il-Wied. Hija qed tistaqsi jekk f'dan il-każ suppost għandux jiġi devolut, peress li hi konxja li dan il-ġnien għadu mhux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma kif il-Kunsill Lokali ma għandux devoluzzjoni ta' dak il-ġnien, flus extra biex jieħu ħsieb dan il-ġnien ma għandniex u għaldaqstant tali talba għal-isem ma għandux jieħu ħsiebha il-Kunsill

**07.8.4 Socjetà Filarmonika Pinto mawra fi Franza**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li fil-ġranet li ġejjin hu u il-Kunsillier Fiona Borg Lewis se jmorru mas-Soċjetà Filarmonika Pinto fi Franza fejn se jiltaqghu mas-Sindku ta' Narbonne.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** qalet li kellha talba mill-Kumitat sabiex jekk ikun possibli il-Kunsill iħallas għal-riċeviment li se jsir fi Franza.

Il-membri infurmaw lis-Sinjura Borg Lewis li il-Kunsill ma jistax iħallas għar-riċevimenti.

Il-Kunsillier Ralph Puli issuġġerixxa li itellgħu token u jingħata bħala tifkira.

**07.8.5 Pagamenti Josef Cilia**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona li jitħallas is-Sur Josef Cilia għaliex dan kellu xi kuntratt mal-Kunsill u skont hu ma tħallasx.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv semmiet li is-Sur Josef Cilia ippreżenta zewg Invoices ta' Marzu u April 2023 li dawk ma kienux covered bi ftehim. Prezenta ukoll Invoice ta' Ottubru, liema invoice is-Sur Cilia gie infurmat li tħallas tagħha f'Jannar 2024 u ippreżenta Invoice ghal Novembru u ohra ghal Dicembru 2023.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet lil istaff tal-Kunsill rendikont tal-ilmenti / talbiet / emails li is-Sur Cilia ippreżenta fl-aħħar snin għaliex kellha informazzjoni mill-istaff li dan qatt ma kien qed jibgħat xejn.

Mill-informazzjoni li ġabret mid-data tal-Kunsill ħareġ li is-Sur Cilia ippreżenta biss 6 ilmenti forma ta' screenshot minn ilmenti li jitilgħu fuq il-paġna Hal Qormi Residents.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa jekk is-Sur Cilia ippreżentax rapport ta' ħidma li kellu jippreżenta.

Il-membri qablu li jistennew li joħroġ il-ħlas sakemm is-Sur Cilia jibgħat ir-rapport ta' ħidma.

**07.8.6 Antonella Borg**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona li jagħti direct order lis-Sinjura Antonella Borg sabiex tieħu nota tal-ilmenti li jitilgħu fuq is-social media.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** stqarr li fis-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill preżenti, hu mhux komdu li jagħmel kuntratti u iżid l-ispejjeż għal-kunsill.

**07.8.7 Restawr ta' niċeċ**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona li nistaqsu lil MCAST jekk jistgħux jibgħatu studenti sabiex jirrestawraw niċeċ jew xi statwi fil-lokalita.

**07.8.8 Triq Guze Galea**

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** ippropona li isiru żewg parking bays fil-parti li hemm bil-konkos u ħamrija fi Triq Guze Galea viċin iċ-Cerna Fish Shop.

**07.8.9 Yellow Lines Triq Dun Marju**

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** talab sabiex isiru yellow lines fi Triq Dun Marju vicin iċ-ċentru parrokkjali minħabba li qed ikun hemm trakkijiet tal-iskart li jgħaddu min dik il-parti tat-triq u qed jehlu mal-vetturi li ikun hemm ipparkjati.

Il-membri talbu lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex titlob lir-Regjun lista ta' vetturi li jintużaw fil-kuntratt tal-ġbir tal-iskart u x'tip ta' vettura tgħaddi min Triq Dun Marju.

**07.8.10 Yellow Lines u MC bays fi Triq Santa Katerina**

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** talab sabiex isiru il-yellow lines fi Triq Santa Katerina kantuniera ma Triq il-Vitorja u sabiex isiru MC bays f'areas li hemm vojta fl-istess triq viċin il-Madonna tal-Lourdes

**07.8.11 Noti mill-Kunsillier Elke Cassar Sghendo**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ġibdet l-attenzjoni tal-kunsill fuq

- Ġnien iż-Zgħożija – infurmata li sar tħażżiż mal-ħitan
- Bus Shelter Triq id-Deheb Fin – staqsiet fiex waslet id-DNO.
- Dog Park – qed tipproponi li art vojta f' Ta Farzina issir Dog Park. Il-Kunsill irid jitlob lil Lands sabiex ikun infurmat ta' min hija l-art.
- Infurmat li saret laqgha mal-cat feeders u bdew tiswija ta' qtates.
- School Grannies – talbet sabiex il-Kunsill jiccekja u jaddotta il-prattika tal-ischool grannies.
- Laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija – staqsiet meta se targa issir il-laqgħa mas-Supretendent tal-Pulizija
- Tipproponi li il-kunsill japplika ghal xi fond biex isiru hydraulic bollards fejn l-iskejjel

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lil Kunsill dwar xi punti li ħarġu mil-laqgħa li attendiet tar-Regjun Nofsinhar. Fosthom:

- Ir-Regjun Nofsinhar se jqassam History Books
- Ser isir Quiz għat-tfal fil-5 u is-6 sena skolastika.
- Ser issir Treasure Hunt ghal-familja kollha
- Ser isir Festival tal-korijiet
- Ser isir il-Proġett ta' attività fiżika bl-isem Ċaqlaq

- L-ebda Kunsill ma jista jiltaqa fil-privat mal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart
- Il-Kont tal-iskart sabiex jithallas li hemm b'lura
- Ser issir attività kulturali għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid il-Kbir
- Importanti li jintbagħtu l-ircevuti tal-ispejjeż tal-latrini
- Il-Kunsill se jircievi kalamiti u kotba

.

**07.8.12 Pasta Night**

**Il-Kunsillier Doris Zammit** infurmat lil membri dwar il-Pasta Night li saret u li ma kienx hemm attendenza daqs kemm ħasbet li se jkun hemm.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lil membri li darba oħra attività li ma jkolliex ammont ta' biljetti mibjugħa titħassar għaliex in-nies mhux jikkonkorru għal tali attivitajiet.

**07.8.13 Kunsill Lokali tat-Tfal**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lil membri li l-ewwel laqgħa uffiċċjali tal-Kunsill tat-tfal ser issir nhar it-Tnejn 21 ta' Ottubru 2024 fl-4.30pm.

**07.8.14 Insurance Attivitajiet**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lil Kunsill li l-organizzaturi tal-attività fix-xelter tal-Għassa talbuna sabiex jistgħux jużaw l-insurance tal-kunsill għal tali attivita.

**Is-Sinjura Borg Lewis** infurmat illi qeda f'komunikat mal-insurers tal-Kunsill sabiex jaghtuna stima tal-insurance ghal tali attivita.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ippropona li il-Kunsill jidentifika l-attivitajiet li jsiru mill-Għaqdiet u tintalab insurance waħda għal-attivitajiet kollha, li titħallas mill-Kunsill u l-Għaqdiet inizzlu imqar logo tal-Kunsill fuq il-posters tagħhom.

**07.8.15 Road Safety Day**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lil Kunsill li kellha laqgha l-Iskola tal-Handaq u ippproponiet li japplikaw għal attività bl-isem Road Safety Day b'fondi ta' Transport Malta

**07.8.16 Purċissjoni tat-tfal bil-bambin**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li l-iskola tal-Handaq qed tipproponi li torganizza purcissjoni bil-Bambin li iddur mal-iskejjel l-ohra f'Hal Qormi. Is-Sinjura Borg Lewis qalet li l-iskola qed jitolbu sabiex il-Kunsill jghinhom fil-kordinament ta' din il-purcissjoni.

**07.8.17 Green Wall viċin l-Iskola tal-Handaq**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li l-iskola tal-Handaq talbu ghal xi creepers biex jaghmlu hajt bil-creepers telghin mieghu.

**07.8.18 Vetturi abbandunati f'Tal-Handaq**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li il-Kapijiet tal-iskola tal-Handaq gibdula l-attenzjoni fuq il-problema tal-vetturi abbandunati madwar l-iskola

**07.8.19 Triq qed tisfronda f'Tal-Handaq**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat li fejn l-iskola tal-Handaq hemm bżonn xi sinjali mal-art biex ma jipparkjawx minħabba li it-triq se tintuża two lanes għax il-parti l-oħra mhux se tintuża minħabba li qed tisfronda.

**07.8.20 Xelter Fejn il-Knisja San Bastjan**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** staqsa kif baqa il-Kunsill fuq ix-xelter.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv nformat li se jsir cover tal-cast iron u bollards tal-ħadid fir-rampa tal-Knisja.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv nformat li in-naħa tal-Knisja qed jinżamm ix-xogħol milli jitkompla minħabba li il-Perit tal-Public Works ma ġabx risposta x'se jsir mir-rampa tal-knisja.

Il-Kunsill iddeċieda li imexxi bid-deċiżjoni tal-Perit tal-Kunsill u il-bankina in-naħa tal-knisja titkompla skont id-deċiżjoni tal-Perit tal-Proġett.

**07.8.21 Bankina quddiem il-Knisja ta' San Bastjan**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lil Kunsill li qed ikun hemm ħafna diceriji fuq il-proġett ta' fejn il-Knisja.

Is-Sindku nforma li

- Mhux vera li se jitnehha jew jitnaqqas il-parkegg
- Mhux veru li se jinhargu permessi ta' mwejjed u siggijiet
- Mhux veru li ckienet il-lane ghaliex fil-verita dik il-parti ta' Triq San Bartolomew dejjem kienet one lane.

**07.9 MOZZJONI NRU 06/2024 (IX)**

**Mozzjoni il-Viżjoni ta' din il-Leġislatura b'laqgħa ma' l-Istaff u Pjan ta' żvilupp ta' l-staff.**

**Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Elke Cassar Sghendo**

L-għan li qiegħda nressaq din il-mozzjoni hu sabiex ikun hemm ħidma konġunta u siewja u li kemm il-membri kif ukoll l-istaff jimxu mal-vizzjoni ta' din il-leġislatura.

Għal dan il-għan qed nitlob li jiġi stabbilit data u ħin sabiex tiġi organizzata Staff Development day, konvenjenti għalik u għal l-istaff sabiex aħna il-membri li jixtiequ, niltaqgħu magħhom.

Huwa ta' nteress tagħna lkoll kemm il-membri u staff li naħdmu flimkien u b'hekk l-istaff ikun involut jifhem aħjar u żgur li se jkun ta' għajnuna iktar għal komunità' tagħna. Il-Kunsilliera Fiona Borg Lewis lesta li tarġa taqsam magħhom il-preżentazzjoni li tagħat lil pubbliku.

Nixtieq ukoll li l-staff jiġi offrut pjan ta' opportunitajiet ta' taħriġ, nifhem li kulħadd għandu il-familja iżda dan hu ta' interess ta' żvilupp personali u anke għal benfiċju tal-Kunsill. Napprezza li dan il-pjan ikun b'ftehim magħhom u miktub b'hekk ikun evalwat u id-dokumentat u għandu jkun rikonoxxut minn naħa tal-membri wkoll.

Il-Kunsilliera kollha issekondaw il-Mozzjoni.

Ivvutaw favur il-kunsilliera kollha preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra (0) u ma kien hemm l-ebda (0) astensjoni.

Mozzjoni NRU 06/2024 (IX) ġiet approvata.

**07.10 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2024.

Il-Membri iddiskutew l-iskeda tal-ħlasijiet mal-fatt li il-Kunsill qieghed f'sitwazzjoni hazina ta' cash flow.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat li hemm pagament tal-culvert u bankina ta' Triq San Bastjan li irid isir biex jitħallsu il-kumplament tal-fondi approvati ghal tali progett.

Id-Deputat Segretarju Eźekuttiv infurmat lil membri li minkejja li se jkunu approvati il-pagamenti mhux se joħorġu għalissa vis a vis il-problema ta' cash flow u eventwalment jitħallsu bil-mod fix-xhur li ġejjin.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ppproponiet l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2024.

**07.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fid-9.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 31 ta' Ottubru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***14 ta' Novembru 2024***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |